# L-ANNUNZJAZZJONI

Fil-ħemda ta' kamritha għarrkobtejha,
Miġbura fil-Mulej, titlob Marija
F'telfa ta' mħabba, jixħdu ħbub għajnejha
Ta' ruħha s-safa fejn m'hemmx dell ta' ħtija.

Jidher l-Arkanġlu, b'qima jersaq lejha,
Igħidilha kif għad tkun Omm il-Messija,
Temmen u tobdi, tħarrek ftit xofftejha:
—Kif jamar il-Mulej hekk isir fija.—

U l Iben t'Alla żar il-hemm f'suritna,
Fil-ġuf t'Omm Xebba niżel igħammar magħna,
Bix-xewqa li jithenna b'imħabbitna.

U bla tibdil sar li ma kienx, għax ħalla
Miegħu magħquda, f'ġisem ħaj bħal tagħna,
Il-kobor, l-Għerf, is-Setgħa. . . . . l-Ħajja t'Alla.

VAL. V. BARBARA O.P.